

# Kwadri tal-Immakulata

Mario Fenech

F'numru kbir ta' knejjes fil-Gżejjer Maltin insibu kwadri bix-Xbieha tal-Immakulata. Uħud minnhom jinsabu fuq l-altari jew fid-dekorazzjoni tas-saqaf u l-koppla tal-knisja. Hemm kwadri oħrajn li qabel kienu f' kappelli żgħar fil-kampanja li tneħħew għar-raġuni ta' sigurta biex issa jinsabu fil-mużew tal-knisja parrokkjali li dawn il-knejjes jaqgħu fil-limiti tagħha.

Għażilt uħud minn dawn il-kwadri għal dan l-artiklu tiegħi ta' dan il-Programm tal-Festa.



Fil-mużew tal-knisja Arċipretali ta' San Filep f'Ħaż Żebbuġ hemm wieħed minn dawn il-kwadri li huwa x-xogħol l-artist Antoine Favray. Dan l-artist għamel bosta xogħolijiet li l-lum għandna fil-pajjiż. Kien sar b'wegħda wara li kienet intemmet il-pesta tas-sena 1783. Kien fuq wieħed mil-artali tal-knisja ta' San Filep imbgħad meta nbnew in-navi u l-kwadri saru akbar, dan il-kwadru flimkien m'oħrajn li kien hemm fil-knisja tpoġġa fis-sagristija tal-knisja. Nafu li meta sar kien sewa s-somma ta' 2220 skud.

Fil-kwadru x-xbieha tal-Immakulata tiddomina l-parti ċentrali tat-tila. Narawha bil-wieqfa fuq qamar kbir filwaqt li b'riġlejha qegħda tisħaq ras is-serp. Żewġ anġli kbar wieħed fuq kull naħa tagħha jagħtuha glorja. Anġli oħrajn żgħar jidhru fil-parti ta' fuq fejn f'nofs dija sabiħa ħierġa minn stillarju madwar rasha jidher il-Missier Etern flimkien max-xbieha tal-Ispirtu s-Santu. L-isfel f'din ix-xena hemm il-figura ta' San Ġwann Battista bilqiegħda fuq il-blat xagħri qiegħed juri b'idejh 'il fuq din il-figura sabiħa tal-Immakulata u fl-idejn l-oħra qiegħed iżomm il-bastun bis-salib u l-kitba tat-tħabbira. Wara l-blata, li magħha qiegħed iserraħ San Gwann, tidher għolja fil-bogħod b'numru ta' siġar madwarha.



Il-knisja ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq li tagħmel mal-limiti tal-Parroċċa ta' San Nikola, is-Siġġiewi, inbniet l-ewwel darba qabel is-sena 1575. Fiha hemm, minbarra l-kwadru Titulari tal-Assunta, flimkien m'ieħor li kien hemm qabel fis-Sagristija, hemm kwadru tal-Immakulata li minn fuqu għaddew bosta snin. Il-figura tal-Immakulata hija waħda ta' ħlewwa liema bħalha. Partikolarità dwar dan il-kwadru hija li madwar il-figura tal-Immakulata hemm tlett anġli żgħar li f'idejhom qegħdin iżommu simboli mil-litanija tal-Madonna.



Fi knisja oħra li tagħmel mal-istess Parroċċa tar-raħal tal-Siġġiewi hemm kwadru ieħor tal-Immakulata. Din il-knisja hija ta' Santa Marija magħrufa bħala ta' Cuerra li tinsab fit-tarf ta' Pjazza San Nikola, l-isfel mill-knisja Arċipretali ta' San Nikola. Flimkien mal-kwadru titulari tal-Assunzjoni hemm żewġ kwadri laterali b'wieħed minnhom tal-Immakulata. Ma nafux min pinġa dan il-kwadru li fih tidher biss il-figura tal-Madonna mdawwra b'dija ħierġa minn sħab ta' kulur skur. Meta wieħed jħares lejn il-valur artistiku tiegħu x'aktarx li jasal għall-konklużjoni li dan ħareġ minn xi bottega li fiha kienu qegħdin jitħarrġu l-allievi t'artist Malti magħruf.

Nikteb dwar aktar kwadri tal-Immakulata fil-ħarġa tal-Programm tas-sena d-dieħla.
Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

